MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 629/1973/1

***Francis Said***

***vs***

***Joseph Gatt, u b' digriet tat-3 ta' Gunju 1994 gie kjamat in kawza r-Registratur tal-Qorti.***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat fis-17 ta' Lulju 1973 l-attur wara li ppremetta: illi huwa kien inkariga permezz ta' martu Enoe, lill-konvenut sabiex jindura katina tad-deheb antika tal-Granspinat, liema inkarigu kien accettat mill-konvenut; illi fl-esekuzzjoni ta' dan l-inkarigu l-konvenut mbhabba nuqqas ta' diligenza, traskuragni fl-arti u professjoni tieghu u imperizja fl-istess, ikkaguna dannu konsiderevoli fl-istess katina, tant li dina giet kkonsenjata lill-attur disintegrata u mkissra f' hafna bicciet kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; talab li l-konvenut jghid

ghaliex m' ghandux jigi minn dina il-Qorti dikjarat responsabbli ghad-danni li gew kagjonati fl-istess katina waqt li dina kienet f' idejh sabiex jesegwixxi l-imsemmi inkarigu, minhabba nuqqas ta' diligenza, traskuragni fl-arti jew professjoni jew arti tieghu jew imperizja fl-istess, f' kaz ta' bzonn per opera ta' Periti nominandi, (2) ghaliex m' ghandhiex dina l-qorti tillikwida dawn id-danni hekk kagjonati lill-attur per opera tal-istess Periti, (3) ghaliex m' ghandux il-konvenut jigi kundannat minn din il-Qorti li jhallas dik s-somma li tigi hekk likwidata kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra il-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Gatt fejn eccepixxa: illi t-talbiet tattrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-katina in kwistjoni kienet diga fi stat danneggjat, u ghalkemm l-eccepjenti ghamel dak kollu li setgha biex isalvaha xorta ma rnexxielux – Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tar-Registratur tal-Qorti, kjamat fil-kawza fejn eccepixxa: 1. Illi huwa m' ghandux locus standi fil-kawza stante li qatt ma jista' jigi kkundannat fuq it-talbiet tal-attur; 2. Illi huwa ha kura debita tal-barbazzall in kwistjoni bhala depositarju u bonus paterfamilias u ghaldaqstante ma jirrispondix ghad-danni rizultanti mis-serq ta' l-istess – Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kjamat in kawza u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Rat l-affidavits prezentati;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet, u semghet trattazzjonijiet;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi din il-kawza tirrigwarda Granspinat antik li Enoe Said, mart l-attur, kienet rceviet minghandh huha fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha. Irrizulta li dan il-Granspinat kien ilu zmien twil fil-familja ta’ mart l-attur. Enoe Said spjegat li darba, t-tifel taghha, li dak iz-zmien kien ghadu zghir hafna, telaq jigri bih f’ idejh bir-rizultat li l-Granspinat inqasam f’ zewg postijiet. Konsegwentement hija kienet haditu ghand argentier u dana kien sewwiehulha; izda t-tiswija ma kienetx ghas-sodisfazzjoni taghha stante li fejn issewwa, il-Granspinat kien kulur differenti mill-kumplament u hasset li ma kienx sura li jintlibes hekk.

Ghaldaqstant hija hadet il-Granspinat ghand il-konvenut sabiex jindurah u jgibu kulur wiehed. Waqt li l-konvenut kien qed jezaminah, huwa kien irrimarkalha li x-xoghol maghmul precedentement ma kien skond s-sengha u l-arti, u ghalhekk Enoe Said qaltlu li jekk huwa kien jaf b’ xi hadd li setgha jirrangahulha hija kienet lesta li tirrangah. Il-konvenut accetta.

Illi meta l-Granspinat kien ghand il-konvenut, hadem fuqu certu Charles Cassar, wiehed mill-impjegati l-aktar anzjan fix-xoghol, tal-konvenut, li spjega li fil-postijiet fejn kien imgongi l-Granspinat dan kien *“off position”* u ghalhekk huwa rega’ hall ix-xoghol li kien sar u rega’ ssaldah biex jigi unit. Sussegwentement, dan il-Granspinat tpogga ghall-induratura go kimika ppreparata mill-konvenut.

Illi sussegwentement Enoe Said kienet marret kemm il-darba ghand il-konvenut biex jaghtiha lura l-Granspinat, izda l-impjegati kienu jghidulha li ma kienx ghadu lest. Konsegwentement hija baghtet lil missierha, Abele Calleja, sabiex jigbru minghand il-konvenut. Dan Abele Calleja spjega li, wara li kien mar ghalih diversi drabi *“il-konvenut gabu fil-kaxxa, fethu quddiem il-lavratnt tieghu u*

*quddiemi, u l-lavrant qabdu bil-pinzetta u qallu 'Hawn rega' inqata'. Dak in-nhar stess inqata xi tlett bicciet."*[1] Il-lavrant rega' poggieh fil-kaxxa u l-konvenut qal lil Abele biex jerga' jhallihulu ftit iehor. Xi gimghatejn wara, dan rega' mar ghall-Granspinat, izda dak in-nhar li taghhulu kien maghluq fil-kaxxa u l-konvenut ma fethux.

Illi sussegwentement meta Enoe Said marret ghalih id-dar ta' missierha, hija rrimarkat li mid-deherha kien gie sabieh, izda kif hargitu mill-kaxxa u kienet ser tilbsu l-Granspinat inqata' u waqa' mal-art u sakemm gabbret il-bicca li waqghet rega' inqasam. Fix-xhieda taghha, Enoe Said spjegat li meta marret ghand il-konvenut biex titolbu spjegazzjoni, kien hemm il-lavrant u qallha li dak kien immermer u kien antik. Enoe Said irrimarkat li qabel ma kienet ikkonsenjatulhom ghall-induratura hija kienet libsitu kemm il-darba. Di fatti fix-xhieda korroborata taghha, hija qalet li qabel ma kienet haditu ghand il-konvenut, il-Granspinat kien tilbsu f' xi okkazzjonijiet.

Illi peress li l-konvenut ma tahiex spjegazzjoni ghala l-Granspinat kien spicca f' dak l-istat, hija haditu ghandh missierha li minn naha tieghu hadu ghand argentier iehor, Tarcisio Giordano, sabiex jurihulu u jispjegalu x' kien gara; izda fi kliem Abele Calleja *"Ghand Giordano hadtu biex nurihulu biss. Giordano pprova biex jirrangah. Zammu ghandhu xi jumejn tlieta, u wara qalli li hu mahruq u li ma jissewwiex. Qalli li xi hadd tah imbjankiment zejjed u harquh"*[2]

Fix-xhieda tieghu l-imsemmi Tariciso Giordano [3]spjega li meta Abele kien urih il-Granspinat fil-kaxxa, hekk kif dana hargu mill-kaxxa biex jurihulu, il-Granspinat "beda jinqata' u inqata xi hames darbiet" Huwa qal lil Abele Calleja li l-Granspinat kellu kulu qawwi u li jekk jirnexxilu naqqadulu ma jkunx jista' jintlibes hlief biex jitqieghed fil-vetrina peress li kien imgherri hafna. Wara li t-tifel tieghu Arthur Girodano ghaqqad il-Granspinat, huwa tefghuh fl-imbjankament biex jibjad, u wara li lahalhu tefghu fis-

[1] Fol.35
[2] Fol.36
[3] Fol.37 *et seq.*

serratura biex jinxef. Kif sussegwentement il-Granspinat ittella mis-serratura, il-Granspinat reggha inqasam. Tarcisio Giordano qal li l-Granspinat kien ta' 18 il-karat.

Illi sussgwentement l-attur u martu Enoe marru d-dar tal-konvenut sabiex jesigu spjegazzjoni u anki jipprovaw jirrangaw mieghu, izda l-konvenut qallhom li dak kien babsu xi hadd iehor u ma kellux x' jirranga maghhom; bir-rizultat li gew istitwiti l-proceduri odjerni.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi f' dan il-kaz inghataw zewg versjonijiet opposti. Dik ta' Enoe Said, korrobotata mix-xhieda ta' membri tal-familja taghha, li sostniet li meta l-Granspinat ngieb minghand il-konevnut, beda jinqasam u kompla jinqasam; u dik tal-konvenut, korroborata mill-impjegati tieghu, li meta huwa rritorna l-Granspinat dana kien fi stat tajjeb u kien shih, tant li skond il-versjoni tal-konvenut u tal-impjegati tieghu, qabel ma rritorna l-Granspinat lil Abele Calleja, huwa kien hargu minn gol kaxxa u estendih minn tarf sa tarf ,u kien sussegwentement li kkonsenjah lil Abele.

Illi kif osservat din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kaz ***"Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia"***[4] *"Il-konflitti fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn f' kawzi civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

F' dan l-istadju huwa opportun wkoll li jigi rilevat li fit-23 ta' Ottubru 1973 din il-Qorti kienet innominat lil Avukat Dottor Lino Agius [illum Imhallef] bhala Perit Legali, u fit-12 ta' Frar 1974 kienet innominat lil Paul Cassar bhala Perit Tekniku biex jassistih. Illi, ghalkemm dawn l-esperti gudizzjarji semghu diversi xhieda, u ghalkemm il-perit tekniku kien ezamina l-Granspinat li sa dak iz-zmien kien

[4] [MCC] 24 ta' Novembru 1966 – citata fil-kawza PA [PS] ***Kmandant tal-Forzi Armati ta' Mata vs Francis Difesa*** 28 ta' mejju 2003

qed jigi mizmum fil-kustodja tal-Perit Legali, hadd minnom ma ffinalizza l-inkariku tieghu, ghax fil-mori, Dr.Lino Agius gie elevat ghall-Gudikatura u Paul Cassar miet qabel ma rrediga r-rapport mill-aspett tekniku. Ghaldaqstant din il-Qorti hija privata mill-beneficju ta' opinjoni teknika moghija minn espert nominat minnha.

Illi fil-mori tal-kawza, u peress li l-Perit Legali ma kienx ser ikompli bl-inkarigu tieghu, huwa kkonsenja l-kaxxa li fiha kien hemm il-Granspinat lir-Registratur tal-Qorti, dak iz-zmien Lino Grech, sabiex ipoggih f' safe tal-Qorti.

Illi sussegwentement, ghal habta ta' Jannar 1994, meta l-Granspinat kien ghadu hekk mizmum mir-Registratur tal-Qorti, kienet saret serqa minn gol-Qorti u s-safe fejn kien mizmum il-Granspinat kien gie sgassat, u il-Granspirat insteraq flimkien ma oggett iehor tad-deheb li kien esebit fi process kriminali.[5] Bir-rizultat li l-oggett formanti l-bazi tal-kontestazzjoni odjerna ma baqax disponibbli ghall-Qorti li ghalhekk giet privata minn kull opportunita' li tinnomina espert biex jezaminah materjalment.

***Kondizzjoni tal-Granspinat esebit***

Illi in vista tal-premess, l-unici elementi ta' prova estranei, dwar l-istat tal-Granspinat meta nfethet il-kawza huma l-Onor.Imhallef Dr.Lino Agius li principalment xehed dwar l-istat li kien fih il-Granspinat meta kien fil-pussess tieghu, u dwar id-diskussjonijiet li kellu mal-espert, illum mejjet, Paul Cassar; kif ukoll Frank Agius li kien ra parti mill-Granspinat u li xehed f' din il-kawza kemm quddiem il-Periti kif ukoll quddiem din il-Qorti.[6]

Illi fid-deposizzjonijiet tieghu l-Imhallef Agius spejga li, meta il-Granspinat gie fil-pussess tieghu, bhala wiehed mill-Periti, dan kien go kaxxa tal-plastic bil-wicc trasparenti: *"Il-barbazzal kien diga' imqatta' u maqsum f' diversi bicciet ……… meta beda ghaddej iz-zmien u kont ingibu l-Qorti meta kien ikollna xi seduta, bit-trasport biss kien diga' tant brittle li kienu dejjem jitkisser gol-kaxxa*

[5] Deposizzjoni Lino Grech – fol.189 *et seq.*
[6] Vide deposizzjonijiet: 25.04.73 fol.23; u 11.06.03 fol.334 *et seq*; u 7.05.2003 fol.372 *et seq*.

*stess. Gieli ftahnieh, anke minhabba li ried jezaminah l-espert li kelli mieghi …. niftakar li darba fethu u kien missu b' idejh u xi bicca regghet inkissret."*[7]

Dwar d-diskussjonijiet li l-istess Perit Legali kellu mal-Perit Tekniku, ix-xhud qal hekk: *"niftakru [lil Perit Tekniku] jghidli li kienet gratlu hsara konsiderevoli fis-sens li prattikament lanqas valur ta' deheb ma kien ghad fadallu ghaliex kien inharaq litteralment …niftakru jghidli li kien qalli li ma jiswiex sitt habbiet dan il-barbazzal."* [8] Ix-xhud qal wkoll li meta kien ikkonsenjah lir-Registratur tal-Qorti, *" niftakar li kien hemm diversi bicciet zghar u anke kwazi frak gol-kaxxa. Jien kont issiggillajtha bis-selo tape biex kemm jista' jkun ma niccansjax u johrog u kont ikkonsenjajtu lis-sur Lino Grech."*[9]

Illi x-xhud Frank Agius, filwaqt li jikkonferma dan l-istat li kien fih il-barbazzall meta gie esebit, ta spjegazzjoni ta' x' setgha gara biex dan l-oggett gie ridott ghal dak l-istat.

F' dan l-istadju pero' il-Qorti tikkonsidera opportun li tirrileva li, ghalkemm dan ix-xhud ma kienx gie formalment nominat bhala espert, mill-provi jirrizulta (1) li dana huwa estranew ghall-incident in ezami, (2) kien ghamel zmien twil Konslu for goldsmiths and silversmiths fil-Monte di Pieta', u (3) fil-25 ta' April 1973 l-attur u martu kienu hadulu parti mill-barbazzall biex juruhulu. Fi kliem iehor, dan huwa l-uniku persuna tas-sengha li mhijiex involuta fil-kaz u li kienet rat l-oggett fi zmien wara izda vicin l-incident, u ghalhekk il-Qorti, f' dawn ic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' provi ahjar disponibbli, thoss li ghandha taghti piz lill-kontenut tad-deposizzjoni ta' dan ix-xhud.

Illi dan ix-xhud spjega li fil-25 ta' April 1973 l-attur u martu kienu marru ghandu fil-kwalita' tieghu fuq indikata u kienu wreh Granspinat li x-xhud gharaf bhala dak esebit.[10] Dan kien f' seba bicciet, u x-xhud kien hareg polza li huwa gharaf bhala dik esebita fil-Qorti. F' dan l-istadju, il-Qorti

[7] Fol.294
[8] Fol.295
[9] Fol.294
[10] Deposizzjoni 26 ta' Marzu 1976 Fol.23

tosserva li, ghalkemm ix-xhud qal li biex ikun mija fil-mija cert li dak li gie muri fil-Qorti kien l-istess wiehed, huwa kellu jiznu, izda din il-Qorti fuq bazi tal-probabbilita' u fil-qafas tal-kumpless tal-provi taccetta li l-barbazzall li intwera lix-xhud kien l-istess wiehed li kien gie muri lilu mill-attur u martu.

Inoltre, fid-deposizzjonijiet tieghu[11] quddiem din il-Qorti, Frank Agius spjega dwar l-istat tal-Granspinat *"illi kif taqbadha f' idejk tibda, pup, tinkiser qisek ghandek spagetti".*[12]. Kien f' bicciet, u kien jidher li dan ghadda minn stress qawwi fis-sens li dana deher li xi hadd tah treatment permess ta' kimika li mhux suppost tah. Mill-forma tal-qanpiena setgha' jikkonstata li kien tal-erbatax [14] il-karat. Din kienet cara u vizibbli

Illi Frank Agius spjega d-differenza bejn Granspinat li jkun ta' 14 il-karat u dak li jkun 18 il-karat, u spjega l-importanza li ghandha tinghata lil dan il-fattur meta l-oggett jkun ser jitqieghed fil-kimika, fis-sens li jekk l-oggett tad-deheb ikun ta' 18 il-karat u thalltu bil-kimika l-effett tieghu jkun illi jiekol fis-superficju tieghu biss u jhalli *"a layer of pure gold"* li stante li jkun fih deheb 18 il-karat jibqa' b' sahhtu; filwaqt li jekk taghti l-istess tahlita lil oggett tad-deheb li jkun ta'14 il-karat, u allura jkun fih izjed aloy u anqas deheb, il-kimika tippenetra fih u tikol dak l-aloy li jkun hemm fl-intern bir-rizultat li l-oggett, li f' dan il-kaz huwa Granspinat, jitlef is-sahha tieghu u jibda jinkiser bicciet. Dan applika izjed meta il-Granspinat ikun antik bhal dak in disamina.

***Responsabbilita'***

Illi din il-Qorti wara ezami akkurat tal-provi hija tal-fehma li l-logika tal-fatti taghti aktar kredibilita' lit-tesi tal-atturi milli dik tal-konvenut. B' mod aktar priciz, il-Qorti hija tal-fehma li l-versjoni moghtija minn Abele Calleja li meta mar ghal Granspinat ghand il-konvenut il-barbazzall beda jinqasam f' bicciet hija aktar verosimili u ssib sostenn u konfort mill-kumpless tal-provi. Din il-Qorti tosserva li

[11] Fol.334 *et seq*; u 372 *et seq*.
[12] Fol.338

rrizulta sodisfacentement li meta Enoe Said ikkonsenjat il-Granspinat lill-konvenut, l-oggett kien shih u kien jintlibes, u li kien wara li gie trattat mill-konvenut jew l-impjegati tieghu li l-barbazzall beda jinqasam u tilef is-sahha tieghu.

Illi f' dan ir-rigward is-segwenti osservazzjonijiet huma opportuni.

**1.** Illi l-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu eccepixxa li *"l-katina in kwistjoni kienet diga' fi stat danneggjat, u ghalkemm l-eccepient ghamel dak kollu li setgha biex isalvaha xorta ma rnexxielux"*[13] Izda fl-affidavit tieghu huwa qal li huwa kien tah lil Charles Cassar, allura impjegat tieghu sabiex jahdem fuqu. *"Meta dan lestih, jien rajt li x-xoghol kien tajjeb. Meta gie [Abele Calleja] ghalih qabel ma tajtulu, jiena ftahtu, urejtu x-xoghol li kien sar, urejtu li l-gran spinat kien shih u indikajtlu l-postijiet fejn kien gie msewwi mill-gdid"*[14].

Il-Qorti tosserva li minn imkien ma jirrizulta li meta Enoe Said kienet ikkonsenjat il-Granspinat lill-konvenut, il-Granspinat kien danneggjat; il-provi juru, u dana kien gie kkonfermat anki mix-xhieda tal-konvenut, li l-postijiet fejn issewwa mill-argentier precedenti, kienu *"off position";* u daqshekk biss. L-uniku ilment fil-konfront tal-argentier precedenti kien dwar dan ix-xoghol biss, u dan ma kellu x' jaqsam xejn ma hasil tal-Granspinat. Dan ix-xoghol ta' hasil kien l-inkariku specifiku li inghata l-konvenut u li hu kien accetta – u ghal dan ix-xoghol kien, sa dan l-istadju, unikament responsabbli l-konvenut; u kien wara li sar dan ix-xoghol li l-Granspinat beda jinqasam.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-konvenut, li l-Granspinat kien diga danneggjat u li huwa *"ghamel dak kollu li seghta biex isalvaha",* mhux biss mhux sostnuta mill-provi, izda hija addirittura kontradetta minnhom, u ghalhekk hija tentattiv fjakk sabiex l-konvenut jipprova jesimi mir-responsabbilita' tieghu.

---
[13] Fol.7
[14] Affidavit Fol.160

**2.** Illi stabbilit il-premess, il-Qorti tosserva ulterjorment li l-fatt li, qabel ma giet istitwita l-kawza, Abele Calleja accetta li Tarcisio Giordano jipprova jsewwihulu, dan il-fatt jimmilita favur l-konvenut ghal dak li jirrigwarda l-grad tar-responsabbilita' tieghu. Mill-provi f' dan ir-rigward jirrizulta, *ex admissis* mill-istess Giordano, li dana hadem fuqu kif fuq spjegat, izda meta hareg il-Granspinat mis-serratura dana rega' beda jinkiser. Fattur iehor relevanti huwa li Tarciso Giordano qal li l-Granspinat kien ta' 18 il-karat.[15]

Illi tenut kont tax-xhieda ta' Giordano, il-Qorti tosserva li jirrizulta car li l-konvenut ma jistax jitqies unikament risponsabbli ghall-istat li fih gie ridott il-Granspinat wara li hadem fuqu iben Giordano. Il-provi huma fis-sens li, ghalkemm wara li hadem fuqu il-konvenut il-Granspinat kien qed jinqasam bicca bicca, u ghalhekk ma setghax jintlibes, il-fatt provat jibqa' li sussegwentement il-Granspinat rega' nghata treatment minn Giordano, u dana, meta fil-hsieb ta' l-istess Giordano il-Granspinat kien ta' 18 il-karat u mhux ta' 14 il-karat; u ghalhekk, in vista ta' dak li xehed Frank Agius, jirrizulta car li l-Granspinat spicca disintegrat bill-mod deskritt mill-Imhallef Agius u minn Frank Agius <u>wara</u> li hadem fuqu Giordano wkoll.

Fi kliem iehor, ghalkemm jirrizulta li l-Granspinat kien sofra hsara konsiderevoli, u probabbilment irreparabbli meta kien fil-pussess tal-konvenut, jirrizulta probabbli wkoll li saret hsara ulterjuri bix-xoghol li ghamel Giordano bir-rizulta li l-Granspinat spicca mahruq kompletament.

Illi in tema legali, il-Qorti tosserva li d-dubbju f' dan ir-rigward ghandu jmur favur l-konvenut in kwantu huwa l-obbligu tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu; u dan fuq l-istregwa tal-massima: *incumbit probatio ei qui dicit non ei qui negat* [16] u allura l-konvenut ma jistax jinzamm responsabbli ghall-hsara, unikament, imma biss parzjalment.

---

[15] Fol.39

[16] Vide App.Inf. ***Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited*** deciza 13 ta' Jannar 1999; u App.Inf.***Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi*** et deciza 22 Novembru 2002;

Minn naha l-ohra pero', l-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili jistipula li, meta l-hsara li tkun saret minn aktar minn persuna wahda ma tkunx tista' tigi stabbilita, anki fl-assenza tal-element doluz da parti ta' dawn, allura f' dan il-kaz id-danneggjat ghandu d-dritt li jipprocedi kontra wiehed biss minn dawn il-persuni u jitlob minghandu l-hsara kollha, *"bla hsara ghall-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn".*[17]

***Valur***

Illi fil-kors tad-deposizzjoni tieghu, l-imsemmi Frank Agius gie muri barbazzall *"da parti tal-attur li ddikjara [minghajr gurament] li [dan] l-barbazzall kien bhal dak meritu tal-kawza kemm bhala hxuna kif ukoll bhala tul".*[18] Ix-xhud spjega li barbazzall bhal dak li kien qed jigi muri jiswa hafna flus. Di fatti fuq domandi specifici huwa qal li lanqas jekk tmur b' elfejn jew b' elfejn u hames mitt lira fil-but ma tixtrih; izda rigward il-barbazzall meritu tal-kawza, ix-xhud ma setghax jixhed b' certu grad ta' certezza. In fatti fix-xhieda rigward it-tul tal-Granspinat, jghid hekk: *" Jien nippretendi li dan allura kien wiehed ta' fifty inches, probabbilment. Kien wiehed ta'fifty inches, il-fifty inches huwa il-full length ghax dak kienu juzawh …… xi haga hekk, xi haga hekk irid ikun, xi haga hekk"*[19]*.* Inoltre, fuq kontro ezami, ix-xhud spejga li huwa kien gie moghti biex jezamina <u>parti biss</u> mill-Granspinat, u l-istima li kien ghamel taghha kienet tal-valur intinsiku tal-metal kif isir fl-ufficju tal-Monte di Pieta', u mhux stima tal-oggett fis-suq. Mistoqsi jekk setax jaghti l-valur tieghu fis-suq, ix-xhud wiegeb *"Le, fis-suq ma nistax nghidlek kemm kien".*[20]

1. Illi l-Qorti tosserva li in materja ta' prova, ir-regogla hi li sabiex il-provi ikunu sostenibbli ghandhom ikunu sodisfacenti u tali li jikkonvincu lil Qorti gudikanti li <u>l-livell tal-valur probatorju ikun wiehed ragjonevolment accettabbli</u>. *"Il-kawzi ma jinqatghux fuq supposizzjonijiet*

[17] Vide *Prim Awla* ***Carmelo Abdilla vs Emmanuele Camilleri*** 12 ta' Marzu 1946
[18] Fol.349
[19] Ibid
[20] Fol-375

*[jew kongetturi] imma fuq provi li jridu jkunu ta' certu livell u li jissodisfaw lill-Qorti min ghandu l-oneru li jipprova xi fatt partikolari". **[Vol.LXXXII.II.210].***

Illi fil-kaz in disamina, il-Qorti hija tal-fehma li l-prova diretta sabiex jigi stabbilit il-valur tal-Granspinat, u allura l-konsegwenzjali likwidazzjoni tad-danni, huma dghajfa u insodisfacenti u ghalhekk inaccettabbli. Dan qed jinghad mhux biss avut rigward ghal-kontenut tax-xhieda ta' l-imsemmi Frank Agius, imma anki ghall-fatt li, kif johrog minn ezami tad-deposizzjonijiet tieghu,li dan ix-xhud ma hass li ma kienx f' posizzjoni li jghati risposti definittivi f' dan ir-rigward; u ghalhekk, il-figuri li semma fix-xhieda tieghu, u li huwa indika bhala stimi "approssimattivi hafna", ma jistghux jigu kunsdirati bhala bazi legalment valida ta' komputazzjoni. *Multo magis*, meta dawn huma bazati fuq barbazzall iehor u mhux fuq dak meritu tal-kawza odjerna.

2. Illi konsiderazzjoni ohra li timmerita kumment ghall-fini tal ezami tal-aspett tal-valur, hija dik li, nonostante li l-oneru tal-prova tal-fatti li fuqhom huma bazati t-talbiet attrici jirrisjedi fuq l-attur, u nonostante l-massima procedurali li l-Qorti ghandha tiddeciedi *iuxta allegata <u>et probata</u>*; f' dan il-kaz, ghalkemm irrizulta li hu mart l-attur kien xtrah minghand ommu Maria Anne Calleja, u ghalkemm irrizulta li dina minn naha taghha kienet xtratu minghand terza persuna, hadd minnhom ma semma il-prezz imhallas f' dawn it-transazzjonijiet, li in mankanza ta' provi ohra setghu forsi taw indikazzjoni tal-valur tal-Granspinat.

Inoltre, il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal registrat fis-seduta peritali tas-17 ta' Mejju 1974 fejn l-attur iddikjara *"li m'ghandux provi izjed hlief il-persuni li kien indika fin-nota tax-xhieda tieghu, u dan <u>ghal uniku skop biex jghinu lil min irid jiggudika biex jasal ghall-valur gust u reali</u> tal-barbazzal ……… u rriserva li jgib dawn ix-xhieda fi stadju ulterjuri.."*[21]

[21] Fol.40

Fis-26 ta' Marzu **1976** gi prodott bhala xhud nl-imsemmi Frank Agius li, filwaqt li rriserva li ma setghax jghid mija fil-mija li l-barbazzal li gie muri kien l-istess wiehed qabel ma jintizen, rribadixxa li l-valur ta' Lm25.93c, indikat minnu fil-polza, kien il-valur intrinsiku tal-metal li ezamina wara l-incident. Fl-ahhar ta' din is-seduta gie verbalizzat hekk: *"Il-partijiet jiddikjaraw li m' ghanhdomx provi izjed u jawtorizzaw lill-periti jghaddu ghar-relazzjoni taghhom".*[22]

Illi ghalhekk jidher car li f' dan l-istadju, l-attur ma kellux provi ohra u ma kellux l-intenzjoni li jressaq provi ulterjuri, biex fi kliemu *"jghin lil min irid jiggudika jasal ghal valur gust u reali".* Illi l-fatt li sussegwentment il-perit tekniku miet u li il-Granspinat insteraq bil-konsegwenza li l-attur sab ruhu fil-posizzjoni li ma setghax aktar igib provi konklusivi dwar il-valur gust u reali tal-granspinat, dawn il-fatti ma jidderogawx mill-principju legali li l-oneru tal-provi tibqa' dejjem fuq l-attur, li jibqa' obbligat jressaq il-provi in sostenn tat-talbiet tieghu, liema provi iridu jkun sodisfacenti.

Inoltre, is-suespost ma jititolax lill-attur jippretendi li il-prova tal-valur issir bis-supposizzjonijiet u kongetturi kif ipprova jghamel fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2002.

Ghaldaqstant din il-Qorti, hija tal-fehma li kemm it-talba ghall-likwidazzjoni tad-danni, u l-konsegwenti talba ghall-kundanna ghall-hlas tal-istess ma jistghux jigu milqugha, minhabba nuqqas ta' provi sodisfacenti., f' dan ir-rigward.

***Kjamat fil-kawza***

Illi in kwantu ghall-eccezzjonijiet sollevati mir-Registratur tal-Qorti u dwar r-responsabbilita' tal-istess, il-Qorti tirrileva li l-Granspinat esebit u li allura kien fil-pussess tar-Registrat tal-Qorti, irrizulta mill-provi li kien total loss u kien irreparabbli b' tal-mod li ma kien ghad-fadallu ebda valur. Illi l-azzjoni attrici hija azzjoni ghad-danni kkaggjonati fl-imsemmi Granspinat; u, allura gia la darba rrizulta ampjament provat li d-danni ma gewx kagjonati

[22] Fol.24

mir-Registratur tal-Qorti, it-talbiet maghmula fil-konfront tieghu ma jistghux jreggu.

Illi inoltre, mill-provi rrizulta li meta l-Granspinat kien fil-pussess tar-Resgistratur, dan kien qed jigi mizmum mizmum fis-safe gol-Qorti flimkien ma' oggetti ohra tad-deheb; u meta insterqu dawn l-oggetti, inkluz allura il-Granspinat, dawn kienu fis-safe, liema safe kien gie sgassat mill-awturi ta' dan id-delitt.

Illi jigi osservat in tema legali li f' kaz ta' depositu volontarju, bhal dak in disamina, ir-responsabbilita' tad-depositarju hija regolata mill-Artikolu 1899 tal-Kap.16 li jimponi fuq id-depositarju l-obbligu li fil-kustodja tal-oggett depositat ghandu juza l-istss dilegenza li juwa fil-kustodja ta' hwejjgu: *diligentia quam in suis rebus*. Fil-kaz fejn id-depositarju jkun offra li jircevi l-kustodja tal-oggett, il-grad ta' diligenza rikjest minnu hija dik ta' *bonus paterfamilias*.

Illi fil-kaz in disamina, jirrizulta li l-Granspinat kien tqieghed mir-Registratur go safe minn fejn insteraq u ghalhekk, ma jistax jinghad li dana ma esercitax dik id-diligenza rikjesta mill-ligi. Il-fatt li s-safe kien gie sgassat juri li dana kien mghaluq; u ghalhekk il-Granspinat meta kien fil-pusses tar-Registratur tal-Qorti kien kustodit b' dik id-dilgenza rikjesta mill-ligi. Konsegwentement f' dawn ic-cirkostanzi, ir-Registratu tal-Qorti ma jistax jinzamm responsabbli ghat-telf ta' dan l-oggett.

Ghaldaqstantant anki t-tieni eccezzjoni tal-kjamat in kawza tirrizulta sostenibbli.

In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, t-talbiet tal-attur, fil-konfront tal-kjamat fil-kawza huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u huma insostenibbli.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjoni tal-konvenut Joseph Gatt, tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament billi tiddikjara lill-konvenut <u>parzjalment</u> responsabbli ghall-hsara kkaggjonata fil-Granspinat

minhabba nuqqas ta’ diligenza fl-arti tieghu;  tichad it-tieni u t-tielet talba minhabba nuqqas ta’ provi.

L-ispejjez ghandhom jigu ripartiti bil-mod segwenti:  dawk relattivi ghall-ewwel talba ghandhom ikunu kollha a kariku tal-konvenut;   dawk relattivi ghat-tieni u ghat-tielet talba ghandhom jkunu bla taxxa, bid-dritt tar-registru relattivi jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;  u dawk relattivi ghal kjamat fil-kawza jibqghu kollha a kariku tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------